31985D0385

L 223/26 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 21.8.1985

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta' l-10 ta' Ġunju 1985
li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ fil-Qasam ta'l-Arkitettura

(85/385/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-abbozz tad-deċiżjoni sottomess mill-Kummissjoni,

Billi, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Ġunju 1974 li tirrigwarda r-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, iċ-ċertifikati u xhieda oħra ta' kwalifiki formali [1], il-Kunsill iddikjara lilu nnifsu favur li jiġu stabbiliti Kumitati Konsultattivi;

Billi, fil-kuntest tar-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, iċ-ċertifikati u x-xhieda l-oħra ta' kwalifiki formali fl-arkitettura, huwa importanti li jiġi żgurat livell komparattivament għoli ta' edukazzjoni u taħriġ;

Billi sabiex jikkontribwixxi għall-kisba ta' dan il-għan, għandu jiġi stabbilit Kumitat Konsultattiv biex jagħti pariri lill-Kummissjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għandu jiġi stabbilit Kumitat Konsultattiv dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ fil-Qasam ta' l-Arkitettura, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-"Kumitat" taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni.

Artikolu 2

1. Il-kompitu tal-Kumitat għandu jkun li jgħin li jiġi żgurat livell komparattivament għoli ta' edukazzjoni u taħriġ għall-arkitetti fil-Komunità kollha.

2. Għandu jwettaq dan il-kompitu partikolarment bil-mezzi li ġejjin:

— skambju komprensiv tat-tagħrif fir-rigward tal-metodi ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ u l-kontenut, il-livell u l-istruttura tal-korsijiet ta' teorija u ta' prattika provvduti fl-Istati Membri;

— diskussjoni u konsultazzjoni bil-għan li jkunu żviluppati approċċi komuni għall-livell li għandu jinkiseb fl-edukazzjoni u t-taħriġ ta' l-arkitetti u, kif jixraq, għall-istruttura u l-kontenut ta' din l-edukazzjoni u dan it-taħriġ inklużi l-kriterji li għandhom x'jaqsmu ma' esperjenza prattika;

— biex issir reviżjoni kontiwa ta' l-adattament ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' l-arkitetti għal żviluppi fil-metodi tat-tagħlim u għal problemi ġodda li jinħolqu għall-arkitetti b'riżultat ta' l-iżviluppi soċjali, xjentifiċi u tekniċi u l-protezzjoni ta' l-ambjent.

3. Il-Kumitat għandu jwettaq il-kompiti ta' konsulenza assenjati lilu bid-Direttiva tal-Kunsill 85/384/KEE ta' l-10 ta' Ġunju 1985 dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, iċ-ċertifikati u xhieda oħra ta' kwalifiki formali fl-arkitettura, inklużi miżuri sabiex jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' l-istabbiliment u tal-libertà li jkunu provduti servizzi [2].

4. Il-Kumitat għandu jikkomunika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu inklużi, meta jidhirlu xierqa, suġġerimenti dwar l-emendi li għandhom isiru lill-Artikoli li għandhom x'jaqsmu ma' l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' l-arkitetti fid-Direttiva 85/384/KEE.

5. Il-Kumitat għandu wkoll jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe kwistjoni li l-Kummissjoni tista' tirriferilu f'dak li għandu j'jaqsam ma' l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' l-arkitetti.

Artikolu 3

1. Il-Kumitat għandu jikkonsisti fi tlett esperti minn kull Stat Membru kif ġej:

— espert mill-professjoni prattikanti;

— espert mill-universitajiet jew istituzzjonijiet ekwivalenti tat-tagħlim fil-qasam ta' l-arkitettura;

— espert mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru.

2. Għandu jkun hemm sostitut għal kull membru. Is-sostituti jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Kumitat.

3. Il-membri u sostituti deskritti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu nominati mill-Istati Membri. Il-membri msemmija fl-ewwel u fit-tieni inċiżi tal-paragrafu 1 u s-sostituti tagħhom għandhom jiġu nominati fuq proposta minn, jew wara konsultazzjoni xierqa mal-membri prattikanti tal-professjoni jew ta' l-universitajiet jew l-istituzzjonijiet ekwivalenti tat-tagħlim fil-qasam ta' l-arkitettura. Il-membri u s-sostituti hekk nominati għandhom jinħatru mill-Kunsill.

[1] ĠU C 98, tat-28.8.1974, pġ. 1.

[2] Ara l-paġna 15 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Artikolu 4

1. Iż-żmien tal-kariga tal-membri tal-Kumitat għandu jkun ta' tliet snin. Mat-tmiem ta' dan il-perjodu ta' żmien, il-membri tal-Kumitat għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jiġu mibdula jew sakemm jiġi mġedded iż-żmien tal-kariga tagħhom.

2. Iż-żmien tal-kariga ta' membru jista' jintemm biss qabel it-tmiem tal-perjodu taż-żmien ta' tliet snin minħabba r-riżenja jew il-mewt tal-membru jew jekk jiġi mibdul b'persuna oħra b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3. Din il-ħatra għandha tibqa' għall-bqija taż-żmien tal-kariga.

Artikolu 5

Il-Kumitat għandu jeleġġi President u żewġ Viċi-Presidenti minn fost il-membri tiegħu. Għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura. L-aġenda għal-laqgħat għandha titfassal mill-President tal-Kumitat f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

Artikolu 6

Il-Kumitat jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma u jista' jsejjaħ jew iħalli osservaturi jew esperti biex jgħinuh rigward kull aspett partikolari tax-xogħol tiegħu.

Artikolu 7

Is-segretarjat għandu jiġi pprovdut mill-Kummissjoni.

Magħmula fil-Lussemburgu, fl-10 ta' Ġunju 1985.

Għall-Kunsill

Il-President

M. FIORET